**Minuti tat-tmienja u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

It-78 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo u l-membri s-Sinjuri Nicholas Azzopardi, Norman Clews u Joseph Agius. Il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6:15 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-77 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Iċ-*Chairperson* qal li kienet twaħħlet il-mera ġdida fi Triq San Leonardu.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar it-talba għal kaxxa tal-ittri ġdida fiż-żona ta' St Peter u dwar ir-risposta li ntbgħatet mill-kumpanija MaltaPost li qalet li hemm biżżejjed ittri fiż-żona ta' St Peter. Iċ-*Chairperson* qal li jħoss illi l-Kumitat għandu jitlob lill-kumpanija MaltaPost jikkunsidra mill-ġdid li titwaħħal kaxxa tal-ittri f'post prominenti fejn tkun tista' tintlaħaq mir-residenti, speċjalment dawk anzjani.

Is-Sur Clews issuġġerixxa li l-Kumitat jitlob lill-kumpanija MaltaPost tikkonsidra l-possibilità li tiġi spustjata l-kaxxa tal-ittri li hemm fi Triq San Leonardu fejn għandu jitwaqqa' l-bini u minflok issir f'post alternattiv.

Dwar ir-*road hump* li jeħtieġ issir fi Triq San Leonardu, is-Sur Agius qal li kien qiegħed f'kuntatti ma' Transport Malta bil-għan li t-talba tal-Kumitat tiġi finalment aċċettata.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar Triq iż-Żarżarell u qal li l-Kumitat għandu jkompli jitlob l-għajnuna tal-Ministeru responsabbli mit-Trasport u Infrastruttura sabiex tingħata wiċċ ġdid.

Item 4 – Korrispondenza

Iċ-*Chairperson* semma l-ħtieġa li jitneħħa l-qasab li hemm f'parti minn Triq il-Farfett tal-Fejġel u ressaq l-istimi li ngħataw għal dan ix-xogħol li jammontaw għal €1,000 u €1,500 rispettivament. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li jsir *bus shelter* minflok is-*soft area* li hemm fi Triq ix-Xgħajra viċin Triq l-Għakrux.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi, il-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2015.

Il-Kumitat iddiskuta l-abbozz tal-Estimi Annwali 2016 u dan ġie approvat unanimament fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Dwar il-laqgħa annwali pubblika ġie deċiż li din issir nhar it-Tlieta 23 ta' Frar fis-6:00 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kunsill.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius qal li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq f'St Peter.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fid-79 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 10 ta' Marzu 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*